



2023/2145(DEC)

21.11.2023

EMENDI

1 - 16

Abbozz ta' opinjoni
Vlad Gheorghe
(PE753.749v01-00)

Kwittanza 2022: L-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea
((2023/2145(DEC))

Emenda 1

Vlad Gheorghe, Jan-Christoph Oetjen

Abbozz ta' opinjoni

Paragrafu 1

Abbozz ta' opinjoni

1. Jilqa' l-fatt li l-Qorti tal-Awdituri sabet li l-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (***l-“Aġenzija”***) għas-sena finanzjarja 2022 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha;

Emenda

1. Jilqa' l-fatt li l-Qorti tal-Awdituri sabet li l-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (***“l-Aġenzija”***) għas-sena finanzjarja 2022 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha ***minkejja ċerti nuqqasijiet u vulnerabbiltajiet identifikati fil-prattiki tal-akkwist pubbliku; jirrikonoxxi dgħufijiet fis-sistemi li jirregolaw il-ġestjoni u l-kontroll u mill-konklużjoni tal-2022, għadd ta' osservazzjonijiet imqajma mill-Qorti fis-snin preċedenti għadhom ma ġewx solvuti;***

Or. en

Emenda 2

Vlad Gheorghe, Jan-Christoph Oetjen

Abbozz ta' opinjoni

Paragrafu 2

Abbozz ta' opinjoni

2. Jinnota li l-appropriazzjonijiet awtorizzati fil-baġit tal-Aġenzija għall-2022 ammontaw għal EUR 224 miljun u jilqa' r-rata ta' implimentazzjoni tal-baġit għas-sena 2022 ta' 97,1 %;

Emenda

2. Jinnota li l-appropriazzjonijiet awtorizzati fil-baġit tal-Aġenzija għall-2022 ammontaw għal EUR 224 miljun u jilqa' r-rata ta' implimentazzjoni tal-baġit għas-sena 2022 ta' 97,1 %, ***'il fuq mill-mira ta' 95% tal-Kummissjoni;***

Or. en

Emenda 3

Vlad Gheorghe, Jan-Christoph Oetjen

Abbozz ta' opinjoni

Paragrafu 6a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

6a. Ifaħħar il-profiċjenza tal-Aġenzija fl-eżekuzzjoni, filwaqt li żammet trajettorja favorevoli b' 77 % tal-KPIs meqjusa li jinsabu fit-triq it-tajba; jirrikonoxxi li 17 % tal-KPIs esperjenzaw dewmien, u 5 % jeħtieġu attenzjoni addizzjonali;

Or. en

Emenda 4 Gheorghe Falcă

Abbozz ta' opinjoni Paragrafu 7

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

7. Ifaħħar it-trasformazzjoni diġitali **tal-ajru** Ewropew, inklużi **l-liċenzjar u t-taħriġ tal-Kontrolluri** tat-Traffiku tal-Ajru u s-Sistemi tal-Art tal-ATM;

7. Ifaħħar it-trasformazzjoni diġitali **tas-sema** Ewropew, inklużi **għażliet ta' mobbiltà mtejba u kwalifiki simplifikati għall-Kontrolluri** tat-Traffiku tal-Ajru, **il-liċenzjar u t-taħriġ** u s-Sistemi tal-Art tal-ATM; **jitlob li jiġu emendati l-frażjologiji SERA RT għall-komunikazzjoni bejn il-bdoti u l-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru;**

Or. en

Emenda 5 Gheorghe Falcă

Abbozz ta' opinjoni Paragrafu 7a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

7a. Jenfasizza l-importanza tal-Ajru Uniku Ewropew li jindirizza l-frammentazzjoni tal-ispazju tal-ajru Ewropew u jimmira li jtejjeb il-prestazzjoni tal-ATM mill-perspettivi tas-

sikurezza, il-kapaċità, il-kosteffiċjenza u l-ambjent; jilqa' f'dan ir-rigward il-ħidma tal-aġenzija relatata mar-riforma tal-SES 2+ tagħha f'żewġ pilastru fl-2022 — fatturi umani u tagħmir tal-art (armonizzazzjoni tal-ATCOs permezz tal-liċenzjar u l-kisba ta' sistema aktar effettiva u effiċjenti) u ċ-ċertifikazzjoni mill-EASA tas-sistemi tal-art tal-ATM/ANS (l-armonizzazzjoni ta' dawk is-sistemi hija milqugħa tajjeb ħafna peress li attwalment is-sistemi tal-art ivarjaw b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri; ifaħħar il-fatt li ż-żewġ pilastru jnaqqsu l-ispejjeż u jżidu l-kapaċità għall-ATM, u għalhekk jipprovdu valur miżjud sinifikanti għall-pakkett ta' inizjattiva tal-Ajru Uniku Ewropew 2+;

Or. en

Emenda 6
Gheorghe Falcă

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

7b. Jenfasizza li t-trasformazzjoni diġitali tas-sema Ewropew tinkludi diversi komponenti individwali u elementi kostitwenti li huma soluzzjonijiet kritiċi għall-arkitettura futura tal-ispazju tal-ajru tal-Ewropa u li għandhom l-għan li jappoġġjaw is-sikurezza, l-effiċjenza u l-prestazzjoni ambjentali;

Or. en

Emenda 7
Gheorghe Falcă

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 8

Abbozz ta' opinjoni

8. Jilqa' l-Programm tal-Avjazzjoni Sostenibbli tal-EASA (2020-2024) għall-kisba ta' sistema tal-avjazzjoni aktar silenzjuża u aktar sostenibbli, inkluż il-proġett tal-Fjuwils Sostenibbli għall-Avjazzjoni (SAF);

Emenda

8. Jilqa' l-Programm tal-Avjazzjoni Sostenibbli tal-EASA (2020-2024) għall-kisba ta' sistema tal-avjazzjoni aktar silenzjuża u aktar sostenibbli, inkluż il-proġett tal-Fjuwils Sostenibbli għall-Avjazzjoni (SAF); ***jappella biex jiġu pprovduti biżżejjed finanzjament u inċentivi għal aktar riċerka u żvilupp tal-SAF biex isiru aktar effiċjenti u bi prezz raġonevoli u biex is-suq tagħhom jissaħħaħ u jinfetaħ;***

Or. en

Emenda 8
Gheorghe Falcă

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

8a. Ifaħħar il-progress li sar fl-2022 fir-rigward ta' varjetà wiesgħa ta' inizjattivi relatati mal-ambjent; jilqa' l-Programm tal-Avjazzjoni Sostenibbli tal-EASA, allinjat mal-leġiżlazzjoni ReFuelEU Aviation, li jipprevedi rwol ċentrali għall-Aġenzija fil-monitoraġġ u r-rappurtar dwar l-użu ta' Fjuwils tal-Avjazzjoni Sostenibbli (SAFs) u fl-iżvilupp ta' Clearing House tal-SAF tal-UE; jilqa' l-fatt li l-EASA qed tinvolvi ruħha f'20 proġett ġdid f'kooperazzjoni msaħħa mal-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa, filwaqt li ssawru sħubijiet mal-Alleanzi Industrijali Ewropej biex jippermettu d-dħul fis-servizz ta' inġenji tal-ajru li jaħdmu bl-idroġenu u bl-elettriku;

Or. en

Emenda 9

Vlad Gheorghe, Jan-Christoph Oetjen

Abbozz ta' opinjoni Paragrafu 10

Abbozz ta' opinjoni

10. Ifaħħar ir-rispons tal-Aġenzija għall-invażjoni Russa fl-Ukrajna li tippubblika Bullettin ta' Informazzjoni dwar iż-Żona ta' Kunflitt (CZIB) fi żmien sagħtejn għas-sikurezza tal-inġenji tal-ajru. Jifhem it-tħassib dwar il-flotot tal-passiġġieri Russi; jenfasizza r-rwol tal-Aġenzija fil-mobbiltà militari Ewropea;

Emenda

10. Ifaħħar ir-rispons tal-Aġenzija għall-invażjoni Russa fl-Ukrajna li tippubblika Bullettin ta' Informazzjoni dwar iż-Żona ta' Kunflitt (CZIB) fi żmien sagħtejn għas-sikurezza tal-inġenji tal-ajru. Jifhem it-tħassib dwar il-flotot tal-passiġġieri Russi; jenfasizza r-rwol tal-Aġenzija fil-mobbiltà militari Ewropea; ***jilqa', b'mod partikolari, l-involviment tal-Aġenzija fit-Tim tas-Sikurezza tal-Ispazju tal-Ajru Ċivili-Militari tal-Ukrajna, speċjalment fir-rigward tat-talbiet dejjem jżiedu għall-ispazju tal-ajru biex jiġu ffaċilitati l-eżerċizzji militari tal-Istat u tan-NATO; jirrikonoxxi l-implimentazzjoni b'suċċess tal-programm ta' ħidma mal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA), li saħħet b'mod sinifikanti l-kollaborazzjoni fil-fruntiera emerġenti tal-innovazzjoni.***

Or. en

Emenda 10 Gheorghe Falcă

Abbozz ta' opinjoni Paragrafu 10

Abbozz ta' opinjoni

10. Ifaħħar ir-rispons tal-Aġenzija għall-invażjoni Russa fl-Ukrajna li tippubblika Bullettin ta' Informazzjoni dwar iż-Żona ta' Kunflitt (CZIB) fi żmien sagħtejn għas-sikurezza tal-inġenji tal-ajru. Jifhem it-tħassib dwar il-flotot tal-passiġġieri Russi; jenfasizza r-rwol tal-Aġenzija fil-mobbiltà militari Ewropea;

Emenda

10. Ifaħħar ir-rispons tal-Aġenzija għall-invażjoni Russa fl-Ukrajna li tippubblika Bullettin ta' Informazzjoni dwar iż-Żona ta' Kunflitt (CZIB) fi żmien sagħtejn għas-sikurezza tal-inġenji tal-ajru ***u tipprevjeni l-inġenji tal-ajru milli jtiru fuq iż-żoni jew lejhom b'attività militari intensa jew intensiva;*** Jifhem it-tħassib dwar il-flotot tal-passiġġieri Russi; jenfasizza r-rwol tal-Aġenzija fil-mobbiltà

militari Ewropea;

Or. en

Emenda 11
Kateřina Konečná

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 10

Abbozz ta' opinjoni

10. Ifaħħar ir-rispons tal-Aġenzija għall-invażjoni Russa fl-Ukrajna li tippubblika Bullettin ta' Informazzjoni dwar iż-Żona ta' Kunflitt (CZIB) fi żmien sagħtejn għas-sikurezza tal-inġenji tal-ajru. Jifhem it-tħassib dwar il-flotot tal-passiġġieri Russi; ***jenfasizza r-rwol tal-Aġenzija fil-mobbiltà militari Ewropea;***

Emenda

10. Ifaħħar ir-rispons tal-Aġenzija għall-invażjoni Russa fl-Ukrajna li tippubblika Bullettin ta' Informazzjoni dwar iż-Żona ta' Kunflitt (CZIB) fi żmien sagħtejn għas-sikurezza tal-inġenji tal-ajru. Jifhem it-tħassib dwar il-flotot tal-passiġġieri Russi;

Or. en

Emenda 12
Vlad Gheorghe, Jan-Christoph Oetjen

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda 13
Gheorghe Falcă

PE754.996v01-00

8/10

AM\1289111MT.docx

10a. Jilqa' l-kontribut tal-Aġenzija fit-tfassil ta' regoli standardizzati għall-integrazzjoni sikura tad-droni u l-isforz tagħha fl-appoġġ għar-regolamenti tal-U-Space u l-kontribut għall-Istrateġija tal-UE dwar id-Droni 2.0, li trawwem industrija Ewropea tad-droni kompetittiva u sostenibbli.

Or. en

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 10a (ġdid)**

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

10a. Ifaħħar l-enfasi tal-aġenzija li tintegra l-Ukrajna bħala Stat Kandidat fis-sistema tal-UE;

Or. en

**Emenda 14
Gheorghe Falcă**

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 10b (ġdid)**

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

10b. Jisħaq li l-invażjoni militari Russa tal-Ukrajna fi Frar 2022 kompliet taffettwa l-attivitajiet ta' Kooperazzjoni Internazzjonali tal-EASA; jenfasizza li bħala Aġenzija tal-UE, l-EASA kkonformat mas-sanzjonijiet u l-politiki stabbiliti mill-Kummissjoni Ewropea; konsegwentement, l-attivitajiet kollha ta' kooperazzjoni mal-Federazzjoni Russa ġew sospiżi;

Or. en

**Emenda 15
Gheorghe Falcă**

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 10c (ġdid)**

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

10c. Jappella għal relazzjoni mill-qrib mal-Awtoritajiet tal-Avjazzjoni tal-Istat u Militari Ewropej, u l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA), l-OCCAR (Organizzazzjoni Konġunta għall-

Kooperazzjoni fl-Armamenti) u n-NATO, kif xieraq għat-twettiq tal-kompiti tal-Aġenzija, f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1139, biex jittejbu s-sikurezza u s-sigurtà tat-titjiriet fl-Ewropa;

Or. en

Emenda 16
Gheorghe Falcă

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 10d (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

10d. Ifaħħar l-attivitajiet tal-EASA relatati mal-programm militari sigur tal-avjazzjoni, jilqa' b'mod partikolari li l-EASA saret parteċipant tat-Tim tas-Sikurezza tal-Ispazju tal-Ajru Ċivili-Militari tal-Ukrajna biex tikkunsidra l-konsegwenzi tal-gwerra fl-Ukrajna fuq il-kunċett "normalità ġdida", fir-rigward tal-ħtiġijiet dejjem akbar għall-ispazju tal-ajru biex iwettaq eżerċizzji militari tal-Istat u tan-NATO; ifaħħar l-implimentazzjoni mill-EASA tal-programm ta' ħidma mal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA), li ssaħħaħ il-kooperazzjoni fil-qasam il-ġdid tal-innovazzjoni; jilqa' l-fatt li l-EASA appoġġjat l-inizjattivi tal-KE fil-qafas tal-programm RescEU (il-kuntratt tal-ħaddiema tat-tifi tan-nar u l-kapaċità tal-MEDEVAC/trasport ajrunawtiku);

Or. en